**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 20**

**L-ERBGĦA 12 TA' ĠUNJU 2013 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-17.00**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud kienu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**TALBA**

IS- SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas- Seduti 18 u 19 ġew approvati hekk kif emmendati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona u l-Kunsillier A. Chetcuti ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku mforma li saru laqgħat mal-Perit dwar it-tibdil li ser ssir fi Triq il-Qasam quddiem il-ħwienet.

2. Il-Viċi Sindku nforma li huwa se jagħmel kuntatti neċċessarji mal-Perit tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-MEPA tat-Tennis Court fi Triq il-Ħemmel.

3. Rigward il-bring-in-sites li hemm fi Triq il-Qasam, huwa nforma li saret laqgħa ma'residenti u dawn urew ix-xewqa li dawn il-bring-in-sites jiġu mressqa f'post ieħor kif ukoll li dawn tpoġġew fuq art privata. Ġie deċiż li fis-seduta li jmiss, kull Kunsillier jissuġerixxi post ta' fejn jistgħu jitpoġġew dawn il-bring-in-sites, jekk ma jinstabx post adekwat allura dawn irrid jitneħħew u jingħataw lura lil Wasteserv.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li dwar il-proġett propost ta' l-ex Forum Hotel, huwa kellu laqgħa mal-Perit inkarigat minn dan il-proġett flimkien mas-Sindku. F' din il-laqgħa ġie deċiż li l-Kuntrattur inkarigat minn dan il-proġett jippreżenta Work Plan u xi dokumenti relevanti oħra. Il-Kuntrattur nforma wkoll li qed jiġi pjanat li jitqabbad Projector Surveyor sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel il-kuntatti miegħu meta neċċessarji. Meta dan jitqabbad allura l-Kunsill jixtieq jagħmel laqgħa miegħu.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa għall-kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret ma' l-Assistent Kumissarju R. Zammit fl-għassa tal-Pulzija ta' tas-Sliema. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jibgħatlu dawn il-Minuti permezz ta' email.

2. Rigward il-ħsarat li hemm ġewwa l-bini ta' Ċentru Ċiviku, il-Kunsillier staqsa dwar meta hu pjanat li jibdew' issiru. Is-Segretarju Eekutiv informa li hu diġa' informa b' dawn il-ħsarat lid-Director General u lill-Perit Abela.

3. Huwa nforma li kull nhar ta' Ħadd il-bins m'humiex qegħdin jiġu mbattla u b'konsegwenza t'hekk qed jkun hemm ħafna ħmieġ madwar dawn il-bins. Il-Kunsillier A. Chetcuti ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur sabiex jinformah dwar dan.

4. Il-Kunsillier ppreżenta rapport. Dan ir-rapport aness ma' dawn il-Minuti – App.A.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Rigward ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoniu bit-tarmak ta' Triq il-Qasam, huwa nforma li fis-27 ta' Mejju 2013 saret laqgħa mal-Kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet sabiex flimkien nikkordinaw kif se jsiru x-xogħlijiet rikjesti. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti ukoll il-Perit tal-Kunsill. F' din il-laqgħa ġie deċiż li x-xogħlijiet jinqasmu f'4 fażijiet, msemmija hawn taħt:

   - L-ewwel fażi: Minn ħdejn l-stage ta' Triq Sant Andrija, jiġifieri minn ħdejn il-Forex Iromongery, sa Triq it-Tiben.
   - It-Tieni fażi: minn ħdejn Triq it-Tiben sa ħdejn Triq il-Faxxina
   - It-Tielet fażi: minn ħdejn il-Wied ta' San Ġwann sa ħdejn Triq is-Sejjiegħ
   - Ir-raba fażi iż-żona tal-ħwienet ( Marlows, Plantastic, Deguara, Village Food Store)

   Matul din il-laqgħa ġie diskuss ukoll il-possibilta' li l-Kunsill japplika għall-fondi ta' l-UIF sabiex issir l-*embellishment* propost ta'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li riċentament huwa għamel kuntatt ma' Sinj. Marthese Baldacchino pero' din infurmat li sa issa il-Bord ta' dawn il-fondi għadu ma ġiex Maħtur.

   Il-Kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet ta' Triq il-Qasam informa li huwa għadu qed jistenna l-permess minmgħand il-WSC. Is-Sindku nforma li dan id-dewmien huwa ftit iżejjed peress li ilna minn Novembru tas-sena 2012 nistennew.

2. Huwa nforma li flimkien mal-Viċi Sindku attenda għal-laqgħa tas-Sindki li saret f' Għawdex u kienet mqassma fuq jumejn, fil-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2013. Matul din il-laqgħa, l-punt prinċipali kien l-introduzzjoni tal-liġi sabiex adolaxxenti 'il fuq minn sittax-il sena jkunu jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet li jmiss tal-Kunsilli Lokali.

3. Rigward il-kampanja Swieqi Going Green, huwa nforma li attenda għas-seminar li sar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2013 fil-lukanda Corinthia Marina. Huwa rringrazzja lil Kunsillier P. Fenech u lill-Perit John Papagiorcupolo ta' xogħol siewi li wettqu u l-organizzazjoni ta' din il-laqgħa ferm interessanti.

4. Is-Sindku nforma li nhar l-10 ta' Ġunju huwa flimkien mal-Viċi Sindku attendew għal laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali ta' Pembroke rigward is-servizz li qed jagħtu l-gwardjani lokali. Is-Sur David Soler u s-Sur Anthony Borg Caruana kienu wkoll preżenti għal din il-laqgħa.

5. Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat rigward iktar ħidmiet li wettaq f' dawn il-jiem. Dan ir-rapport se jkun aness ma ' dawn il-Minuti – App. B.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU –ikompli**

6. Is-Sindku nforma li fi Triq tal-Mekkek kien hemm għajn ta' l-ilma li llum m'għadhiex tintuża. Hu ssuġerixxa li din għandha tintrama bħalma kienet oriġinalment pero' naturalment ma tellax ilma. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dwar din il-materja diġa' tkellem ma' l-ex Kunsillier Bonello għall-possibilta' ta' l-għajnuna tiegħu.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

<u>Mill-Kunsillier P. Fenech</u>

*1.* Il-Kunsillier ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti – App. C. Huwa spjega fid-dettal dwar il-Kampanja Swieqi Going Green u x' inhu l-pass li jmiss. Huwa spejga dwar is-seminar li sar fil-5 ta' Ġunju 2013 fil-lukanda Corinthia Marina, hu qal li dan is-seminar, li għalih attendew persuni kkwalifikati f' dan il-qasam, kien ta' suċċess kbir u rringrazzja lill-impjegati tal-Kunsill għall-għajnuna kbira li dawn taw sabiex din l-attivita' tkun ta' suċċess.

Il-Kunsillier P. Fenech kien skużat. Il-ħin kien 6.15pm.

Il-Viċi Sindku ppropona li tiġi sospiża l-laqgħa sabiex lis-studenti li kienu preżenti jispjegaw fid-dettal għalxiex għandhom bżonn għajnuna finanzjajrja sabiex ikomplu l-istudji tagħħom barra minn Malta. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillier M. Fava taw l-għajnuna finanzjarja personalment lil dawn l-istudenti. Il-laqgħa reġgħet bdiet fis-6.25pm.

<u>Mill-Kunsillier M. Fava</u>

1. Rigward l-attivita' pjanata Swieqi Water Festival, huwa nforma li flimkien ma' Segretarju Eżekuttiv se jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jekk hu possibli, din l-attivita' titella' f' Settembru li ġej peress li minħabba cirkustanzi li ma kienux mistennija ma kienx f'pożizzjoni li jwettaq l-preparamenti kollha neċċessarji. Din l-attivita se tiforma parti mill-attivitajietta' Jum is-Swieqi.

2. Huwa ssuġerixxa li tinkiteb ittra lit-Transport Malta sabiex nistaqsu ħalli l-parti ta' Isfel ta' Triq l-Istasija tingħata t-tarmak. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel dan.

3. Il-Kunsillier nforma li fi Triq G. Lebrun bejn id-djar 47 u 49, kienu saru żewġ man-holes tad-drenaġġ li intradmu mill-Kuntrattur tat-tarmak. Huwa talab sabiex jiġu nfurmati d-Dipartiment ħalli dawn jinkixfu mill-aktar fis.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Fava –ikompli

4. Rigward il-knis fi Triq Villa Rosa, huwa ssuġerixxa biex jekk hu possibli, il-knis jsir aktar kmieni. Il-Kunsillier A. Chetcuti ħa l-inkarigu li jikkomunika mal-Kuntrattur responsabbli.

5. Huwa nforma li hemm bozza maqtugħa fi Triq il-Giżimin quddiem id-dar numru 140. Din ilha maqtugħa minn Mejju. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li diġa' ġie nfurmat b' din il-bozza.

6. Huwa ssuġerixxa li ssir lista tat-toroq li għandhom bżonn issir mill-ġdid kisi bit-tarmak. Huwa staqsa lil kull Kunsillier għall-għajnuna tagħhom sabiex jiġu iddentifikati dawn it-toroq.

7. Il-Kunsillier nforma xi gwardjani lokali qed jkun stazzjonati bejn il-Mercado ul-Knisja ta' l-Ibraġ. Naturalment dawn mhux qed jagħtu dehra sabiħa, għaldaqstant ġie deċiż li jsiru kuntatti mal-Authorized Officer.

8. Il-Kunsillier nforma li kellu kuntatti mas-Segretraju Privat tal-Ministru Mallia fir-rigward ta' sigurta' fil-lokalita'. Is- Sindku nforma li ma' dan il-Ministru diġa' ġie deċiż li ssir laqgħa. Il-Viċi Sindku ħa l-inakrigu li jipprepara rapport sabiex jiġi ppreżentat lill-Ministru waqt il-laqgħa.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Huwa nforma li saret laqgħa mas-Sindku ta' Pemrboke rigward is-sistema tal-Park & Ride. Matul din il-laqgħa sar qbil li dan jista' jsir bla ħlas, għaldaqsant ġie deċiż li ssir laqgħa ma' uffiċjali ta' l-Arriva li għaliha jkunu preżenti wkoll rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali ta' Pembroke u San Ġiljan.

2. Il-Kunsillier informa li jixtieq li ssir laqgħa ma' uffiċċjali tal-Green MT dwar il-possibilta ta'tbattil aktar spiss tal-bring-in-sites fil-lokalita' tagħna. Is-Segretarju Eżekuttvi ħa l-inakrigu li jinforma lill-Green MT b'dan l-appuntament.

3. Huwa nforma li għadda lista ta' toroq għat-tindif lill-Kuntrattur. Il-Kunsill talab sabiex kopja ta' din il-lista tiġi ċċirkulata sabiex b'hekk kull Kunsillier jkolli nformazzjoni ta' meta kull triq se titnaddaf.

4. Il-Kunsillier irraporta li xi residenti qegħdin joħorġu l-iskart tagħhom wara li jkun għadda l-schemmel jew mis-Sibt filgħaxija sabiex jinġabar it-Tnejn filgħodu. Hu rraporta li dan l-iskart mill-klieb u l-qtates u jinxtered mat-toroq kollha. Hu ssuġerixxa li ssir prova għas- Sajf biss li l-iskart jibda' jinġabar ukoll fil-Ħdud u b'hekk il-problema ta' skart li jinħareġ Sibt għat-Tnejn tiġi solvuta. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar dan is-suġġeriment.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI -ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Huwa informa li hekk kif jagħmel qabel kull Seduta, huwa flimkien ma' l-iskrvana tal-Kunsill jivverfika l-pagamenti kollha mniżżlin fuq l-iskeda li se tkun tiġi approvata fis-Seduta li jmiss. Wara li saret din il-verifikazzjoni, huwa nnota li xi drabi l-ammonti li jitħallsu bħala pagi lill-ħaddiema tal-Kunsill ivarja mill-ammont indikat fil-*payslips*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li peress li minn din is-sena bdiet titħaddem is-sistema tal-Payroll jista' jkun hemm xi varjanzi minimi pero' se jivverifika mal-ħaddiema dwar din il-materja.

**V KOMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

1. – Offerti msemmija hawn taħt:

Offerta – Servizz ta' Accountant

Ġie ppreżentat r-Rapport ta' l-Aġudikazzjoni dwar din l-offerta. Ġew sottometti 5 offerti:

| No | Tenderer | Price | Remarks |
|---|---|---|---|
| **1** | Cloud Account & Cloud Keeper | Up to 50 transactions - €50.00 | No Bid Bond Attached |
| **2** | Mazars Consulting Ltd | €4800 exc. VAT | |
| **3** | Daniel Galea | €4399 exc. VAT | |
| **4** | KPMG | €1,770 – For preparation of Quarterly Report<br>€1416 – For preparation of Financial Statements<br>€41.30 per hour – for extra accounting work | |
| **5** | Marvic Fenech | €12,000 | |

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## V KOMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV – ikompli

Offerta – Servizz ta' Accountant – ikompli

Il-Kunsill unanimament qabel ma' rekomandazzjoni tas-Sur R. Fenech li pprepara dan ir-rapport. Ġie deċiż unanimament li l-kumpanija Mazars Consulting Ltd. tintgħażel biex tagħti dan is-servizz.

Il-Kunsill wasal għal din id-deċiżjoni minħabba li din il-kumpanija hija waħda professjonali ħafna u rinomata internazzjonalment u li dawn diġa' għandhom xogħlijiet ma' Kunsilli oħra għaldaqstant għandhom esperjenza fix-xogħlijiet li se jkunu rikejsti minn naħa tal-Kunsill. Din il-kumpanija għandha ħafna back-up ta' impjegati li huwa aħjar fid-dawl li l-Kunsill huwa marbur bi skadenza bil-liġi.

Offerta – Supply of Outdoor Gym

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li wara li l-Kunsill irċieva r-rispota uffiċċjali minn naħa tad-Dipartiment tal-Kuntratti, huwa nforma lil partijiet ikkoċernati u lill-Kunsillieri kollha via email bid-deċiżjoni li ttieħdet. Din id-deċiżjoni tinsab mwaħħla wkoll fuq Notice Board tal-Kunsill. Ġew sottometti tlett offerti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | **Forestals Ltd** | **14,668.78** | |
| **2** | **Urbana** | **17,447.00** | |
| **3** | **JGC Ltd.** | **12,994.75 or 23,324.25** | |

Id-deċiżjoni ta'l-Bord kienet li l-Kunsill għandu jerġa' jiftaħ il-proċess ta' l-Aġġudikazzjoni u kull offerta' li kienet ddepożitata terġa' tiġi kkunsidrata. Is-Sindku ppropona li tintgħażel l-offerta' ta' JGC Ltd hekk kif rekomndat fir-rapport ta' l-aġġudikazzjoni u li hi l-irħas waħda. Il-Viċi Sindku ssekonda din il-proposta. IL-Kunsillier M. Fava ssostna li din l-offerta' kellha tingħata lill-Kuntrattur Forestals minħabba r-raġunijiet msemmija fil-Minuti preċidenti.

Il-Kunsillier M. Fava talab biex jiġi skużat. Il-ħin kien 19.30.

Wara diskuzzjoni dwar din l-offerta' , dawk preżenti unanimament qablu li din l-offerta' għandha tingħata lil JGC Ltd peress li din kienet l-irħas offerta' għall-materjal rikjest. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jkun konforni mar-regolamenti rikjesti minn dan id-Dipartiment.

Il-Kunsillier M. Abela talbet biex tiġi skużata. Il-ħin kien 7.45pm

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**V KOMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV – ikompli**

Offerta- Servizz ta’ kiri ta’ Vettura

Is-Segretraju Eżekuttiv informa li hu kien bgħat l-ispeċifikazzjonijiet għal din l-offerta’ lill-kunsillieri kollha via email sabiex jekk jrisu jsiru xi emmendi. Malli jitlesta dan il-proċess tkun tista’ timħareġ din l-offerta’.

2. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma illi l-Kunsillier R. Rossignaud ma attendiex għal aktar minn terz tal-laqgħat msejħa mill-Kunsill f’dawn l-aħħar 6 xhur.Is-Segretarju staqsa jekk il-Kunsill jaċċetax ir-raġunijiet li għalihom dan il-Kunsillier ma setax jattendi. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel li jaċċetta raġun ijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li sejikteb lill-Ministru lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar dan.

3. **Managment Letter**

   Is- Segretraju Eżelkuttiv nforma li huwa bgħat il-Managmanet Letter flimkien mar-risposta lil kull kunsillier. Huwa ssotna ukoll li dawn intbagħtu tard wisq sabiex jiġu approvati f’ dis-seduta pero’ dan id-dewmien kien dovut minn naħa ta’ l-Accountant tal-Kunsill. Ġie ssuġerit li jekk ħadd ma jissuġerixxi xi tibdil sa nhar it-Tnejn 17 ta’ Ġunju 2013 allura r-risposta għandha tintbagħat lid-Dipartiment ikkonċernati.

**VI APPROVAZZJONI TA’ PAGAMENTI U XIRI IEĦOR**

L-iskeda tal-pagamaneti nru.61 ġiet approvata b’ mod unanimu wara li kull dokument ġie ivverifikat. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

Sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 27 ta’ Ġunju 2013.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**